ADA Australia
*Your aged and disability advocates*

# Is-servizz tiegħek tas-sapport tal-kura tal-anzjani

## Bla ħlas u kunfidenzjali, L-opinjoni tiegħek, il-kummenti tiegħek

(Maltese/Malti)





- Int persuna akbar fl-età u għandek bżonn xi għajnuna fid-dar?
- Taf dwar is-servizzi tal-kura tal-anzjani li hemm biex jgħinu persuni akbar fl-età?
- Għandek bżonn għajnuna biex tikseb is-servizzi tal-kura tal-anzjani?
- Għandek problemi rigward xi servizz tal-kura tal-anzjani li qed tuża bħalissa?

Persuni akbar fl-età fl-Awstralja huma intitolati li jiksbu servizzi u sapport tal-kura tal-anzjani. Hemm numru ta' modi kif tista' tiġi ssapportjat. Int tista' tkun eliġibbli li tikseb:

- servizzi tal-kura tal-anzjani li jissapportjawk id-dar biex jgħinuk tgħix b'mod indipendenti
- kura fuq firxa ta' żmien qasir biex jgħinuk terġa' tirkupra wara korriment jew marda
- f'post f'dar tal-kura tal-anzjani meta ma tkunx tista' iżjed tgħix id-dar

## Kif nistgħu ngħinu?

ADA Australia tipprovdi avukati (persuni li jitkellmu għalik) li jgħinuk:

- tkun taf x'servizzi hemm
- tikseb servizzi ta' kura u sapport
- tieħu dak li tista' mis-servizzi tiegħek tal-kura tal-anzjani
- tifhem l-ispejjeż u l-miżati tal-kura tal-anzjani
- issolvi l-problemi jew ilmenti dwar is-servizzi tiegħek tal-kura tal-anzjani
- tifhem id-drittijiet tiegħek u tara li tkun stmat b'mod rispettuż u fier
- tkun tista' issemma' leħnek rigward il-kura u dawk l-affarijiet li jolqtu lilek.

## X'inhi l-avukatura?

L-avukatura tipprovdi sapport biex tgħinek tesprimi x-xewqat tiegħek u tiddefendi d-drittijiet u l-bżonnijiet tiegħek. Avukat tal-ADA Australia hi persuna imparzjali li tista' tisma' s-sitwazzjoni tiegħek u tgħinek tirriżolvi l-problemi tiegħek.

L-avukat qiegħed hemm biex jissapportjak u ser ikun iggwidat minn dak li trid int. Huwa importanti l-fatt li ser iħarsu l-privatezza tiegħek u mhu ser ikellmu lil ħadd għajr jekk tkun tridhom jagħmlu dan.

## Is-servizzi tagħna huma:

- Bla ħlas, Kunfidenzjali, Indipendenti
- Immexxija minnek stess

## Kellimna billi ċċempel 1800 700 600

Interpreter — Jekk għandek bżonn interpretu jekk jogħġbok ċempel 131 450

e: info@adaaustralia.com.au
w: www.adaaustralia.com.au

L-ADA Australia tirrikonoxxi l-Kustodji Tradizzjonali ta' din l-art u tirrispetta 'l-Anzjani, tal-passat, preżenti u l-ġodda.